| **Is-Sillabu tar-Reliġjon tas-CCP għall-Ħames Klassi** | |
|---|---|
| | |
| ***Il-Proġett t'Alla f'Ħajti*** | |
| F'dawn il-kapitli, l-istudenti huma mistennija li: | |
| **Inti x'tiswa.** | ○ Jifhmu xi tfisser il-kelma 'identità' u 'stima'. |
| | ○ Jagħrfu japprezzaw l-ewwel l-identità tagħhom, li hi unika u specjali u japprezzaw ukoll l-identità tan-nies ta' madwarhom. |
| | ○ Janalizzaw li kull identità toffri opportunitajiet uniċi u differenti minn identitajiet oħra, iżda kull identità twassal biex wieħed jibni l-istima tiegħu. |
| | ○ Jitgħallmu x'inhu 'Sagrament' u kif permezz tas-Sagrament tal-Magħmudija u l-Griżma tal-Isqof insaħħu l-istima tagħna bħala wlied Alla. |
| | ○ Jitgħallmu x'inhi 'kuxjenza' u l-formazzjoni bażika li wieħed ghandu jkollu biex jibni kuxjenza fuq pedamenti Nsara. |
| | ○ Janalizzaw il-ħajja ta' Marija bħala l-Mudell ħaj u konkret għat-tweġibiet tagħna lejn Alla li jridu jimxu fuqha. |
| **X'Tiswa l-Ħajja.** | ○ Jagħtu interpretazzjoni personali ta' x'jifhmu bil-frażi '**x'tiswa l-ħajja**?' |
| | ○ Janalizzaw kif iż-żgħażagħ iħarsu lejn il-ħajja. |
| | ○ Jagħrfu u janalizzaw dawk l-affarijiet li l-bniedem għamel biex itejjeb jew ikasbar il-ħajja. |

| | |
|---|---|
| | ○ Jifhmu kif Alla hu s-Sid tal-ħajja u kif jibqa' magħna sal-aħħar permezz tas-Sagrament tal-Morda. |
| | ○ Jitgħallmu jikkritikaw u janalizzaw żewġ aspetti biss (eżempju ewtanasja u droga) u x'tgħallem il-Knisja dwar dawn. |
| | ○ Janalizzaw u jitgħallmu kif huma għandhom iħarsu l-ambjent. |
| **Lejn id-Dinja tax-Xogħol** | ○ Jagħrfu li x-xogħol hu bżonnjuż għall-bniedem għal diversi raġunijiet, fosthom bħala mezz ta'għajxien, biex jissieħeb m'Alla fil-ħolqien, biex jiżviluppa lilu nnifsu u biex jaħdem f'solidarjetà mal-oħrajn. |
| | ○ Jagħrfu għaliex fix-xogħol hemm l-element tat-tbatija (minħabba d-dnub). |
| | ○ Jagħrfu l-importanza tal-ftehim bejn il-ħaddiema u bejn min jaħdem u min iħaddem. |
| | ○ Janalizzaw liema huma d-dmirijiet tagħhom meta jibdew jaħdmu. |
| | ○ Janalizzaw liema huma d-drittijiet tagħhom fil-post tax-xogħol. |
| | ○ Jagħrfu l-importanza li minn issa jippreparaw ruħhom għad-dinja tax-xogħol. |
| | ○ Jagħrfu li hemm proċess li trid tgħaddi minnu meta tiġi biex tagħżel ix-xogħol tiegħek, biex kemm jista' jkun ma jkunx hemm differenza bejn kif tħares lejn ix-xogħol u lejn il-ħin liberu |
| **Fit-Triq tal-Imħabba** | ○ Janalizzaw kif il-bniedem għandu s-sejħa minn Alla biex iħobb u allura jesprimi l-imħabba tiegħu b'diversi modi. |

| | |
|---|---|
| | ○ Janalizzaw l-importanza u s-sbuħija tal-imħabba *agape* u *filia*. |
| | ○ Jagħrfu s-sbuħija taż-Żwieġ Nisrani – mibni fuq in-natura imma mgħolli għad-dinjità ta' Sagrament; il-miżżewġin iqaddsu lil xulxin; huma ministri tal-Edukazzjoni ta' wliedhom. |
| | ○ Janalizzaw il-kliem li bih l-għarajjes iwiegħdu mħabbithom lejn xulxin. |
| | ○ Jagħrfu liema huma ż-żewġ għanijiet prinċipali taż-Żwieġ Nisrani. |
| | ○ Jagħrfu l-importanza tat-tnissil responsabbli. |
| | ○ Jiskopru l-importanza tal-unità, l-indissolubilità u l-fedeltà taż-Żwieġ Nisrani. |
| | ○ Jiskopru kif persuna tista' tħobb ukoll fil-ħajja taċ-ċelibat jew tal-verġnità. |
| | ○ Jagħrfu l-importanza li jippreparaw ruħhom għat-Triq tal- mħabba minn issa stess. Dan hu proċess twil imma sabiħ. |
| | Tmiem |